MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Numru 716/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**Versus**

**Christian Callus**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christian Callus ta' 23 sena, iben il-mejjet Carmelo u Sylvana nee Incorvaja, imwieled il-Pieta' fit-28 ta' Settembru 1983 u joqgħod fil-fond numru 43, Flat 4, Triq l-Isptar, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 499783(M)

Akkużat talli

(a) Fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, nhar it-8 ta' Marzu 2006, għall-ħabta ta' xi 2.30pm naqas li jiddikjara lill-Kontrollur ta-dDwana li kien ser joħroġ soma t'a aktar

minn Lm5000 (€11,700) jew l-ekwivalent tiegħu minn Malta bi ksur tal-provvedimenti tal-Avviż Legali 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurataġġ ta' Ċaqlieq ta' flus) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet Esterni (Kap 233);

(b) Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirksotanzi huwa kiser il-provvedimenti ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Frar 2006.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-fedina penali tal-imputat (fol 2 et), iċ-ċertifikat tat-tweldi tal-imputat li jġib in-numru 4997 tal-1983, il-kunsens tla-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2006 skond ir-regolament 3(6) tal-Avviż Legali 463/2004 (fol 6), u d-dokument li juri x'żammew id-Dwsan (fol 23).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli Prosektur u tal-abbli difensur.

Ikkunsidrat

**L-ewwel Imputazzjoni**

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Huwa u ħiereġ mill-ajruport l-imputat mar fl-uffiċċju tad-dwana fl-ajruport biex jiddikjara xi mobiles li kienu bil-ħsara u li kien ser jieħu miegħu barra minn Malta. L-Enforcement Officer Carmel J. Azzoaprdi (fol 15) staqsa lill-imputat kemm kellu flus. L-imputat wieġbu li kellu 20,000 dollaru Amerikan. L-imputat kien mgħarraf li, kfi kien l-Avviż Legali dak iż-żmien, suppsot li kelluu Lm5000 jew l-ekwivalenti tagħhom. Fil-preżenza tal-Pulizija saret tfittxija fil-nad luggage tal-imputat u nstab li kellu madwar 26,000 dolalru Amerikan. Lill-imputat kien tawh madwar 13,000 dollaru Amerikan lura. Id-dollaru 'l fuq minn dak permess nżammu mill-uffiċjal u saret triċevuta tal-flus miżmumin. (fol 16). Fil-Qorti kienu ppreżentati żewġ envelopes bil-flus li nżammu. (Total ta' 12864 dollari Amerikan). Fuq ir-

riċevuta kien hem mil-firem kemm tal-imputat kif ukoll tal-uffiċjal.

6. Skond ix-xhud Carmel J Azzopardi, l-imputat ma kienx twaqqaf iżda kien mar għandhom huwa jiddikjara l-mobiles sabiex meta jerġa' jiġi lura bihom ma jħallasx dwana fuqhom. (fol 18). Biex joħroġ fuq l-apron għal fuq l-ajruplan kein għadu ma ppreżentax il-biljett. Is-soltu n-nies jmorru fl-uffiċju tad-dwana.

7. L-Uffiċju tad-Dwana u tal-Immigration qegħdin ħdejn xulxin. Wara li jmur l-uffiċju, jrid jgħaddi mill-immigration u jidħol fis-sala tat-tluq. (fol 20). Normalment min imur l-uffiċju tad-dwana ma jkunx għadda mill-immigration. L-uffiċju qiegħed qabel l-immigration. (fol 20).

8. Wara li saret mistoqsija mill-Qorti, l-Uffiċjal wieġeb:

*'Aħna ma nkunux nafu (jekk daħalx) imma l-uffiċju tagħna, jekk daħal reġa' ħareġ, imam normalment jiġu l-uffiċju tagħna l-ewwel.'*

Fl-istess fol 21 l-uffiċjal wieġeb:

*'Mill-uffiċju tagħna mbagħad jgħaddi għall-immigration.*

*Pros: Jekk jiena ser insiefer, jekk ser ngħaddi fuq l-immigration, jiena nista' ndur u niġi l-customs?*

*Xhud: Le, le, ma tistax toħroġ. Trid terġa' tkellem lill-immigration. L-immigration ma jħallukx toħroġ lura għax ikunu diġa' għaddew il-kontrolli.*

*Tad-Dwana jgħaddu biss mis-security li jiċċekkjaw il-hand luggage.'*

**L-Istqarrija tal-Imputat**

9. Fl-istqarrija tiegħu magħmula fit-8 ta' Marzu 2006, l-imputat qal li kien sejjer Dubai beix jieħu xi telefons għat-tiswijiet. (fol 26). L-imputat ma jafx jikteb u kien qal lill-uffiċjal li kien ser jimla l-formola fuq l-ajruplan. L-UJffiċjal

staqsieh kemm kellu flus fuqu u l-imputat qallu li kellu madwar 20,000 dollaru Amerikan. L-Uffiċjal talab il-flus u l-imputat ma fehemx għalfejn kein talbu l-flus u għalhekk irrifjuta li jagħti l-flus lill-uffiċjal. L-imputat talab il-preżenza tal-Pulizija. L-Uffiċjali tad-Dwana ma tawhx ċans jitkellem.

10. L-imputat spjega li kellu daqshekk flus għaliex barra l-mobiles huwa ried jixtri l-parts u xi rigali. (fol 27).

11. Xehed ukoll Salvu Buhagiar, senior customs officer, li qal li fit-8 ta' Marzu 2006, l-imputat kien daħal biex jiddikjara xi mobiles u kien mistoqsi jekk kellux xi flus x'jiddikjara. L-imputat wal li kellu 20,000 dolalru Amerikan. (Ara fol 39). Hawnhekk lill-imputat qalulu li kien jsita' joħroġ sa Lm500 biss. L-imputat wieġeb li ma kienx jaf dwar dan. Hemmhekk ċemplu lill-Pulizija u mar l-Ispettur Vassallo u fil-bagalja tal-imputat nstabu 26 000 dollaru Amerikan.

12. Ix-xhud qal li l-imputat kien daħal minn jeddu fid-departures tad-dwana. L-imputat kien għadu ma daħalx l-immigration. L-immigration tiġi wara.

13. Ix-xhieda li ta l-Ispettur Vassallo huwa dak li qed jidher fil-paragrafi preċedenti fil-qosor.

**Punti ta' Liġi**

**Kompetenza**

14. L-Avukat Ġenerali kien bagħat lura l-atti (a fol 32) għaliex mill-imputazzjonijiet dedotti kontgra l-imputat, il-każ kein jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kap 9. Filfatt peress li r-regolamenti jikkontemplaw biss ħlas ta' multa u konfiska bħala piena, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hiaj kompetenti li tisma' l-każ.

**L-Avviż Legali 463/2004**

15. L-imputat huwa akkużat bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 463/2004. Dan jgħid hekk:

*‘3(1) Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta lit kun qed iġġorr somma ekwivalenti għal Lm5000 jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik dik is-somma lill-Kontrollur.*

*(2) L-obbligazzjoni li tiġi dikjarata kull soma bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta’ dan ir-regolament ma titwettaqx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tidher fl-Iskeda li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti u tippreżenta dik il-formola lill-kontrollur meta tkun dieħla jew ħierġa minn Malta.*

*(3) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligazzjoni li tiddikjara somam bħal dik skond is-subregolament (2) ta’ dan ir-regolament, tkun ħatja ta’ reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ekwivalenti għall-25% tal-valur, f’munita Maltija fid-data ta’ meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta, tal-flus li jkunu qed jinġarru, imma f’kull każ dik il-multa ma għandhiex tkun teċċedi għoxrin elf lira Maltija.’*

*(4) Meta l–flus ma jiġux dikjarati kif hemm provdut fis-subregolament(1), il-Kontrollur għandu jaqbad il-flus mhxu dikjarati lio jeċċedu l-Lm5000, jew l-ammont kollu meta l-ammont huwa indiviżibbli.’*

*(5) Barra mill-piena li tista’ tagħti lil persuna misjuba ħatja ta’ reat taħt is-subregolament (3) ta’ dan ir-regolament, il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu Lm5000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.’*

**L-Avviż Legali 149/2007**

16. Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fil-15 ta’ Ġunju 2007. F’dawn ir-regolamenti saru bidliet żgħar biss mill-Avviż

Legali 463 tas-sena 2004. Żdiedet definizzjoni, inħolq l-obbligu fuq il-Kontrollur tad-Dwana biex iżomm database u biex ta' kull ġimgħa jibgħat l-informazzjoni lill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-istess uffiċjal ingħata s-setgħa li jibgħat informazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005.

17. Biss, permezz tar-regolament 6, ir-regolamenti tas-sena 2004 msemmija qabel (A.L.463 ta' l-2004) kienu revokati.

18. Id-difiża ssottomettiet li r-regolamenti kienu revokati.(Ara fol 45).

19. Il-Qorti tinnota li r-regolament kien abrogat iżda dan bir-regolamenti l-ġodda r-reat antik baqa' hemm xorta waħda . Jiġifieri li l-leġsilatur ma kienx biddel fehmtu dwar ir-reat għax xorta żammu hemm. La ħoloq liġi anqas vantaġġjuża għall-imputat u lanqas xi waħda aktar vantaġġjuża. Għalhekk dan mhux il-każ deskritt mill-Professur Sir Anthony Mamo fejn l-Istat neħħa r-reat minn fuq il-lista ta' reati għaliex ma kenitx għadha tinħass ħtieġa li titrażżan ċerta mġiba.

*'If before the man is tried the legislature cancels the criminal character of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for inflicting punishment upon him. The action of the State, in repealing the former law which prohibited the act, clearly shows that the public peace and order and the public welfare are no longer endangered or harmed by such type of act and that, therefore, the State has no longer any interest in repressing it, and, consequently, no right to punish it.'* [1]

20. Ir-regolamenti tant huma identiċi li lanqas biss nħasset il-ħtieġa li mar-revoka jkun hemm 'is- Saving' fir-regolament 6 tal-Avviż Legali 149/2007.

---

[1] Mamo Anthony, Professor: Noted on Criminal Law Part 1 page 32.

21. Għalhekk ill-Qorti qed tikkonkludi li r-reat li huwa akkużat bih l-imputat qatt ma tħassar jew għeb mil-Liġijiet Maltin.

**Limiti fiżiċi tar-reat.**

22. It-tieni argument tad-difiża huwa li r-reat kien għadu mhux kommess għax l-imputat kien għadu ma leħaqx għadda miz-zona fejn jista' jingħad li telaq minn Malta.

23. Strettament nitkellmu t-test tal-Liġi jgħid 'Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta'. Dak il-ħin l-imputat kien 'persuna ħierġa minn Malta' għaliex kien diġa' għadda s-security u l-uffiċċju tad-Dwana kien l-aħħar post qabel ma juri l-passaport lill-uffiċjali tal-immigration. L-imputat dan kien jafu sew tant li minn jheddu mar biex jiddikjara l-mobiles li kellu sabiex meta jidħol bihom ma jħallasx dwana. Mhux bilfors li wieħed irid ikun qabeż l-immigration officials biex wieħed jisntab ħati ta' dan ir-reat stante l-użu tal-parteċipju attiv 'ħiereġ' fit-test tal-Liġi. Bħalma qal tajjeb ħafna l-Professur Peter Serracino Inglott,[2] l-ilsien Malti għandu xebh kbir fl-użu tla-verbi mal-lingwa Russa. Ix-xebh huwa f'dak li grammatikalment huwa msejjaħ 'Aspect' u jiddistingwi bejn 'a continuing or repeated action' (Imperfective Aspect) u 'a completed action'.(Perfective Aspect)[3] Għalhekk ukoll qabel ma jgħaddi l-immigration officers, jekk wieħed ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni mitluba mir-regolamenti, jista' jkun qed jikser ir-regolament għalkemm wieħed dejjem irid iqis iċ-ċirkostanzi f'kull każ. M'hemmx bżonn xi demarcation lines speċjali għaliex kulħadd jaf li meta wieħed ikun wasal ħdejn l-immigration officers diġa' wasal fil-'point of no return' għax diġa' qabeż is-security zone. Aktar u aktar meta l-imputat kien diġa' daħal fl-uffiċju tal-immigration. Lanqas ma wieħed għandu jirraġuna lit kun għadek ma ħallejtx Malta. L-ewwelnett it-tifsir grammatikali tal-kelma 'ħiereġ' huwa kontra din l-interpretazzjoni. It-tieni m'għandux għalfejn wieħed jistrenna li l-uffiċjali tad-dwana ser joqogħdu jduru fil-ġewweini tal-ajruport ħdejn id-

[2] Artikolu fis-Sunday Times of Malta (2009)
[3] Ara Eugene Jackson: Russian Made Simple 1974 Kap 37 paġina 206 'Kuznetsov explains the Aspects of Russian Verbs.'

departure gates joqogħdu jaraw min għandu flus żejda jew le. It-tielet int tkun ħallejt Malta biss meta ħriġt mill-ibħara territorjali tagħha (fid-dawl tad-definzzjoni tal-kelma 'Malta' mogħtija kemm fl-ewwel artikolu kif ulll fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni). Ikun impossibbli li l-uffiċjali tad-dwana jkunu qed itiru fuq il-post fejn jispiċċa t-territorju Malti ħa jagħmlu dan itg-tip ta' checking.

24. L-imputat jidher li kien midħla tal-proċeddura għaliex ħaseb beix jiddikjara l-mobiles. Huwa qal li ma kienx jaf b'dan ir-regolament. Biss fil-Liġi Kriminali, in-nuqqas ta' xjenza tal-Liġi mhix difiża.

25. Min-naħa l-oħra l-imputat malli staqsewh x'għandu jiddikjara huwa qal 20,000 dollaru Amerikan.

26. Skond il-Liġi l-ammont ta' flus ogħla mill-ammont li wieħed jista' joħroġ jinqabad biss jemm ma ssirx id-dikjarazzjoni li wieħed ser joħroġ aktar flus mill-ammont mniżżel mir-regolament. L-obbligu huwa li wieħed jiddikjara u sakemm jiddikjara x'somma wieħed ser joħroġ miegħu m'hemmx reat.

27. Għal dak li jirrigwarda l-imputat dan ma kienx għamel id-dikjarazzjoni bil-miktub li titlob il-liġi sabiex ikun ikkonforma ruħu mal-Liġi. Mill-provi jirriżulta li l-imputat wieġeb li kellu 20,000 dollaru Amerikan meta kien mitlub jiddikjara kemm flus għandu. Din ma keniitx il-verita' għax fil-fatt huwa kellu 26,000 dollaru Amerikan. Għalhekk meta l-Qorti tiżen kollox, xorta jibqa' l-fatt li meta ngħata ċ-ċans l-imputat lanqas qal il-verita' għax naqqas il-figura vera bi 30%. Kien forsi wieħed jaħseb aktar fil-fond dwar il-pożizzjoni tal-imputat kieku spontanjament qal il-verita'. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

28. Ebda prova ma nġiebet dwar it-tieni imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1)(2)(3)(4)(5) tal-Avviż Legali 463 tas-sena 2004, liema regolament inżamm fis-seħħ bl-Avviż Legali 149 tas-sena 2007, u l-artikolu 23 tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' 6500 dollaru Amerikan skond kif kien il-kambju fit-8 ta' Marzu 2006 ( ekwivalenti għal Lm 2219.26 u ekwivalenti għal € 5193.08) liema multa tista' titħallas fi żmien tmintax il-xahar mil-lum u jekk ma titħallasx tinbidel f'seba' xhur priġunerija.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-flus ippreżentati mill-ufficjal Carmel J Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------